

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 140/2013

tal-15 ta' Lulju 2013

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE**

**IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 259/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-użu ta' fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-diterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u fid-diterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur (<sup>(1)</sup>) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE
- (2) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

**ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:**

### Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12u (ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II mal-Ftehim ŻEE:

“— **32012 R 0259:** Ir-Regolament (UE) Nru 259/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 (ĠU L 94, 30.3.2012. p. 16).”

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 259/2012 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2013, kemm-il darba jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE. (\*)

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2013.

**Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

*Il-President*

Thórir IBSEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 94, 30.3.2012, p. 16.

<sup>(\*)</sup> L-ebda rekwiżiti kostituzzjoni ma huma indikati.